**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-3 ta' Frar 2021**

**Rikors Numru : 308/2020 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**MV**

**u**

**MLV**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' MV u MLV datat 8 ta' Settembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn (2000).*

*Illi huma ormai ilhom separati minn xulxin sa mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), u dana permezz ta' kuntratt redatt min-nutar pubbliku Dr. Rachelle Farrugia Buhagiar LL.D, kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, Dok A.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-elfejn u sittax (2016), huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin.*

*Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-partijiet lil parti l-ohra, u lanqas ma hemm pendenzi f'manteniment pagabbli ghat-trobbija ta' bint il-partijiet G.*

*Illi da parti taghha r-rikorrenti naqset milli tirreverti ghal kunjom xbubita ghad illi issa li l-partijiet sejrin jaghmlu talba ghall-hall taz-zwieg taghhom ,hija x-xewqa*

*taghha li tirreverti ghal kunjom xbubitha.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu revrentment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*

2. *Tawtorizza lir-rikorrent MLV tirreverti gja; kunjom xbubiha u cioe', 'B';*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku il-hall taz-zwieg tal-partijiet u bit-tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti MLV, sabiex dawn jigu irregistrati fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MLV** xehdet (vide fol 13) illi hija zzewwget lil MV nhar il-11 ta' Frar 2000 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla. Xedhet illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datatat 27 ta' Lulju 2016. Ikkonfermat illi mid-data tas-separazzjoni sal-lum, hija qatt ma rrikonciljat ma zewgha u ma hemmx tama tal-istess. Finalment l-attrici ddikjarat illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**MV** xehed (vide fol 15) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Frar 2000 li jgib c-certifikat numru 124/2000 (Vide certifikat taz-zwieg Dok B fol 8) u li minn dan iz-zwieg twildet tifla unika.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rachelle Farrugia Buhagiar, datat 27 ta' Lulju 2016 (vide Dok. A fol 3 et seqq.) u ghalhekk

jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Il-Qorti tinnota illi l-attrici MLV talbet li tirreverti ghal kunjom xbubitha, cioe' 'B',

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg ghandu certifikat numru 124/2000 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lil MLV sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe 'B', u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**